

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Diċembru 2012 —
Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-464/12 P (R)) ⁽¹⁾

(“Appell — Digriet mogħti fl-ewwel istanza fi proċedura għal miżuri provviżorji li jiċħad talba intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata — Rifjut tal-Kummissjoni li tirrimborsa lir-rikorrent is-somom li huwa jqis li nżammu b'mod inġust mill-allowance tiegħu”)

(2013/C 38/44)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellanti: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Appell intiż għall-annullament tad-digriet tal-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea, tat-3 ta' Awwissu 2012, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, F-57/12 R (li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra).

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) L-ispejjeż huma rriżervati.

⁽¹⁾ ĠU C 379, 08.12.2012.

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Novembru 2012 — Refrigue-
confecções para o frio vs UASI — Fronsac SW u Sixty
International (Refrigue for cold)**

(Kawża T-511/12)

(2013/C 38/45)

Lingwa tar-rikors: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Refrigue-confecções para o frio, L^{da} (Pinhal Novo, il-Portugall) (rappreżentanti: C. Bacchini u M. Mazzitelli, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Fronsac SW u Sixty International SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

— tannulla parzjalment id-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-1 ta' Awwissu 2012 fil-Każ R 2353/2010-2, fil-parti fejn huwa laqa' l-oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark inkwistjoni Refrigue for Cold għall-prodotti kollha kkontestati fil-klassijiet 18 u 25;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali “Refrigue for cold”, għal prodotti fil-klassijiet 18, 24 u 25 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 5 486 725

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Fronsac SW u Sixty International SA

Trade mark jew sinjal invokat: It-trade marks Komunitarji u nazzjonali figurattivi li jinkludu l-element verbali “RefrigiWear” u t-trade mark nazzjonali figurattiva li tinkludi l-elementi verbali “This RefrigiWear”, għal prodotti fil-klassijiet 3, 9, 14, 18 u 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata parzjalment u applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda parzjalment

Motivi invokati:

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

— Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009

— Ksur tal-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2012 — Aroa
Bodegas, SL vs UASI — Bodegas Muga (aroa)**

(Kawża T-536/12)

(2013/C 38/46)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Aroa Bodegas, SL (Zurukoain, Spanja) (rappreżentant: S. Alonso Maruri, avukat)